



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Lulju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0290(COD)

12234/23
ADD 4

MI 669
ENT 172
CONSOM 295
SAN 475
IA 199
COMPET 800
CHIMIE 77
ENV 898
CODEC 1457

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 270 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 270 final.

Mehmuż: SWD(2023) 270 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2023
SWD(2023) 270 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE

{COM(2023) 462 final} - {SEC(2023) 297 final} - {SWD(2023) 268 final} -
{SWD(2023) 269 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-Impatt dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
L-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli (TSD) ¹ (l-Evalwazzjoni) identifikat għadd ta' nuqqasijiet fit-TSD fir-rigward tal-għan li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tat-tfal minn riskji possibbli fil-ġugarelli, u b'mod partikolari minn riskji minħabba sustanzi kimiċi dannużi. L-Evalwazzjoni kkonkludiet ukoll li fis-suq tal-UE fadal bosta ġugarelli li mhumiex konformi u mhumiex sikuri.
X'għandu jinkiseb?
Din l-inizjattiva għandha tikseb livell ogħla ta' protezzjoni tat-tfal mill-aktar sustanzi dannużi u tnaqqas l-għadd ta' ġugarelli mhux konformi u mhux sikuri fis-suq tal-UE.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Id-Direttiva dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli tarmonizza r-regoli dwar is-sikurezza tal-ġugarelli fl-Istati Membri kollha abbażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE. Kull bidla fil-kamp ta' applikazzjoni jew fir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva trid issir fil-livell tal-UE biex ikunu evitati: (i) id-distorsjonijiet tas-suq; (ii) il-ħolqien ta' ostakli għall-moviment liberu tal-prodotti; jew (iii) it-tnaqqas tal-protezzjoni tas-saħħa u l-benesseri tal-bniedem.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma d-diversi alternattivi biex jintlaħqu l-oġettivi? Hemm alternattiva ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Minbarra x-xenarju bażi li ma tittieħed l-ebda azzjoni, il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika tliet alternattivi ta' politika (POs) li jindirizzaw iż-żewġ problemi identifikati, bl-ewwel problema tkun il-ħtieġa li t-tfal jitħarsu aħjar mis-sustanzi kimiċi dannużi, u t-tieni problema tkun il-ħafna ġugarelli mhux konformi/mhux sikuri fis-suq tal-UE.
Biex jissaħħu r-rekwiżiti għall-protezzjoni tat-tfal mis-sustanzi kimiċi dannużi:
• PO1a tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex iżżid u temenda l-limiti tas-sustanzi kimiċi fil-ġugarelli; • PO1b tixbah lil PO1a iżda tinkludi wkoll projbizzjonijiet ġeneriċi għall-aktar sustanzi kimiċi dannużi fil-ġugarelli, u tippermetti derogi; • PO1c tixbah lil PO1b iżda ma tippermettix derogi għall-projbizzjonijiet ġeneriċi.
Biex jonqsu l-ħafna ġugarelli mhux konformi u mhux sikuri:
• PO2a testendi r-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza għal: (i) il-ġugarelli għat-tfal iżgħar minn 3 snin; (ii) il-ġugarelli li jitqiegħdu fil-ħalq; u (iii) il-ġugarelli li huma taħlitiet kimiċi; • PO2b teżiġi li d-dokumentazzjoni tal-konformità tinhemeż mal-prodott b'mod diġitali, filwaqt li tibbaża fuq il-passaport tal-prodotti skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR)², u teżiġi wkoll li dan il-passaport tal-prodotti jiġi ppreżentat lid-dwana; • PO2c tikkombina r-rekwiżiti ta' PO2a u PO2b.
L-alternattiva ppreferuta hija PO1b flimkien ma' PO2b . PO1b ittejjeb għaliex l-protezzjoni tat-tfal mis-sustanzi dannużi filwaqt li tillimita l-impatti negattivi għall-industrija għax tipprevedi derogi għall-projbizzjonijiet ġeneriċi. PO2b tiżgura li l-ġugarelli ppreżentati lid-dwana mingħajr il-passaport tal-prodotti ma jitħallew awtomatikament jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera. Barra minn hekk, ikun hemm avvanz sinifikanti fl-effiċjenza għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq meta jispjazzjonaw il-ġugarelli. Għalhekk, PO2b għandha l-potenzjal li tnaqqas għaliex l-għadd ta' ġugarelli mhux konformi fis-suq tal-UE. Alternattivi ta' politika oħrajn li kienu jinkludu valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza ma tqisux effettivi jew effiċjenti; ġie vvalutat li dawn iżidu l-kostijiet għall-manifatturi konformi filwaqt li ma jwasslux għal tnaqqis sinifikanti fil-ġugarelli mhux konformi.
X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema alternattiva u min jappoġġaha?

¹ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/1852-Evaluation-of-the-Toy-Safety-Directive_mt.

² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE tat-30 ta' Marzu 2022 (COM(2022) 142 final).

Il-partijiet ikkonċernati tal-industrija kienu favur PO1a iżda mhux PO1b, u kontra PO1c bil-qawwa. L-industrija kienet kontra wkoll PO2a, iżda favur id-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni dwar il-konformità ta' PO2b. L-Istati Membri kienu favur li jissaħħu r-rekwiżiti għas-sustanzi kimiċi, kemm b'limiti speċifiċi u anki bi projbizzjonijiet ġeneriċi addizzjonali għal ċerti sustanzi (PO1a u PO1b). Kienu favur PO2b. Kienu favur ukoll PO2a, iżda sa ċertu punt inqas. Il-konsumaturi kienu favur PO1b u PO1c. Kienu wkoll favur l-introduzzjoni tal-passaport tal-prodotti (PO2b) u l-estensjoni tar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza (PO2a u PO2c).
Ċ. Impatti tal-alternattiva ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-valutazzjoni tal-impatt issib li PO1b ikollha benefiċċji konsiderevoli fuq is-saħħa (bejn €240 miljun u €1.2 biljun fis-sena) b'rabta mal-ħsara evitata għas-saħħa għall-interferenti endokrinali biss. PO2b twassal għal avvanz sinifikanti fl-effiċjenza għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Il-bidla lejn informazzjoni diġitali tista' twassal għal iffrankar ta' bejn €2.62 miljun u €3.93 miljun (medja ta' €3.275 miljun) fis-sena għall-industrija. PO2b twassal ukoll għal iffrankar għall-industrija fit-twettiq tal-ispezzjonijiet mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jista' jvarja minn €13 miljun għal €20 miljun fis-sena. Iż-żewġ alternattivi flimkien itejbu l-protezzjoni tat-tfal u jnaqqsu l-għadd ta' ġugarelli mhux konformi u mhux sikuri; b'hekk itejbu l-funzjonament tas-suq uniku u l-kompetittività tal-industrija. L-iffirankar mill-bidla lejn informazzjoni diġitali ta' bejn €2.62 miljun u €3.93 miljun fis-sena tqies bħala ffrankar amministrattiv fl-ambitu tal-approċċ "one in, one out".
X'inhuma l-kostijiet tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Il-projbizzjoni ġenerika tista' taffettwa għadd sinifikanti ta' mudelli tal-ġugarelli li jkunu jeħtieġu jiġu soġġetti għal adattamenti tal-prodott jew li ma jkunux jistgħu jibqgħu jsiru disponibbli, iżda d-derogi jillimitaw dan l-impatt. PO1b tista' toħloq kostijiet inkrementali totali tal-aġġustament ta' darba assoċjati mad-disinn mill-ġdid tal-prodott u l-iżvilupp mill-ġdid ta' €23.5 sa €396.66 miljun addizzjonali. Il-kostijiet annwali tal-ittestjar jistgħu jiżdiedu meta mqabbla max-xenarju bażi b'madwar €7.31 miljun sa €11.70 miljun. Mil-lat ta' prodotti li ma setgħux jibqgħu jsiru disponibbli, abbażi tal-fatturat tal-industrija tal-UE, din l-alternattiva tista' taffettwa l-prodotti b'valur ta' €249 miljun sa €367 miljun³. Dan mhux mistenni jwassal għal tnaqqis dirett fis-suq ta' dak id-daqs għax il-manifatturi jibdlu r-riżorsi u l-produzzjoni għal ġugarelli alternattivi, u l-konsumaturi jixtru ġugarelli alternattivi. Il-kostijiet għat-talbiet tad-derogi jistgħu jvarjaw bejn €100,000 u €300,000 fis-sena. PO2b tista' twassal għal €18 miljun f'kostijiet amministrattivi ta' darba u f'kostijiet sussegwenti ta' €10.5 miljun fis-sena għall-industrija. Dawn il-kostijiet, flimkien mal-kostijiet għat-talbiet tad-derogi, tqiesu bħala piż amministrattiv li għandu jitpaċa bħala parti mill-approċċ "one in, one out".
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?
PO2b tippermetti lill-SMEs jaħtfu l-benefiċċji tal-era diġitali. Din potenzjalment tnaqqas ukoll il-piż li għandhom l-SMEs u l-kumpaniji akbar. PO1b u PO2b iħallu impatti sinerġetiċi biex titjieb il-kompetittività. Għalkemm PO1b timponi kostijiet fuq l-industrija biex din tikkonforma ma' rekwiżiti ġodda dwar is-sustanzi kimiċi, hemm ukoll miżuri effettivi ta' PO2b li jnaqqsu ferm il-kompetizzjoni inġusta tal-ġugarelli mhux konformi. Dan jgħin biex titħares il-kompetittività tan-negozji konformi fl-industrija tal-ġugarelli. Mingħajr PO2b, PO1b tista' twassal biex in-negozjanti diżonesti jibbenefikaw mill-bejgħ tal-ġugarelli mhux konformi (u spiss orħos).
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
Għalkemm l-Istati Membri jistgħu jġarrbu kostijiet tal-adattament biex jaġġustaw għall-passaport tal-prodotti, dawn aktarx diġà jiġġarrbu bl-ESPR. Jekk l-informazzjoni dwar il-konformità tkun disponibbli faċilment, dan iwassal għal avvanz sinifikanti fl-effiċjenza u fl-iffirankar għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Ma ġie identifikat l-ebda impatt sinifikanti ieħor.
Proporzjonalità?
L-alternattiva ppreferuta ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi. L-aktar sustanzi dannużi se jkunu soġġetti għal projbizzjonijiet ġeneriċi fil-ġugarelli, iżda se jkunu possibbli derogi. Il-passaport tal-prodotti joħloq kostijiet inizjali iżda se jiġġenera wkoll iffrankar għall-industrija u avvanz fl-

³ Abbażi tal-fatturat proviżorju tal-industrija tal-UE ta' €6.56 biljun għall-2020.

effiċjenza għall-awtoritajiet. Dan se jnaqqas għielu l-għadd ta' ġugarelli mhux konformi fis-suq tal-UE u b'hekk isaħħaħ il-kompetittività tal-industrija.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Ir-Regolament il-ġdid se jiġi evalwat wara 5 snin.